# Il-kamera fin-natura







Ħej ħbieb!

Jiena Betty u nħobb ħafna l-**fotografija.**

Illum nixtieq ngħinkom biex tieħdu ritratti tajbin tan-natura.

Ejja nibdew.





Ritratti tan-natura jistgħu jkunu ta'...

**annimali**







Ritratti tan-natura jistgħu jkunu ta'...

annimali

pjanti









Ritratti tan-natura jistgħu jkunu ta'...

**annimali**

**pjanti**

**veduti**











Ritratti tan-natura jistgħu jkunu ta'...

annimali

pjanti

veduti

forom u kuluri.





Fil-fotografija, **id-dawl** huwa importanti ħafna.

Ix-**xemx** hija l-aħjar dawl għar-ritratti.






Meta tieħu ritratt, qis li **x-xemx tkun warajk**.

B'hekk l-annimal ikun imdawwal u r-ritratt jiġik tajjeb...





...bħal dan
il-kamaleonti.






Jekk tieħu r-ritratt bix-xemx quddiemek...





...jiġik hekk!

X'diżastru!



Bix-xemx warajk



Bix-xemx quddiemek



Liema ġie l-isbaħ?





Ħafna
annimali Maltin
huma żgħar.
Jekk niħdulhom
ritratt mill-
bogħod jiġu
żgħar wisq.





... bħal dik
in-nannakola.





Biex ir-ritratt jiġi interessanti ikollna mmorru viċin.

Nersqu **bil-mod** biex ma ngerrxuhomx...







Hekk aħjar!





Kultant meta nieħdu ritratt ta’ xi ħaġa mill-viċin ħafna, jiġina mżelleġ, bħal din il-fjura.

Ngħidu li r-ritratt ġie **sfukat**.





Ritratt sfukat
mhux ritratt
tajjeb.
X'nistgħu
nagħmlu?

**Hemm trikk!**





Ħafna kameras
ikollhom
din il-marka
x'imkien.






Is-soltu tkun qiegħda fuq xi **buttuna** jew **rota** tal-kamera.

Din il-marka ngħidulha l-**makro**.


Biex tieħdu ritratt
tajjeb mill-viċin,
issettjaw
il-kamera fuq
il-marka tal-makro

...u ħudu r-ritratt!





Eh, issa ħafna aħjar hux?

Ir-ritratt m'għadux sfukat. Issa ġie **iffukat**.

Imnalla tkun il-**makro**.





Fin-natura,
l-iktar ritratti
diffiċli huma
tal-annimali.

Ħeqq, għax
ħafna annimali,
kif jarawk ġej...







...jaħarbu
jiġru!



Per eżempju l-għasafar jibżgħu ħafna min-nies u mhux ħa jħalluk tersaq lejhom. Biex toħdilhom ritratt trid tagħmel **żewġ affarijiet**...








1. Ħajjar l-għasafar jersqu lejk.










1. Ħajjar l-għasafar jersqu lejk.

2. Staħba kemm tista'.





Biex tħajjar l-għasafar jersqulek, l-aħjar toffrilhom x'jieklu.

Biex tagħmel dan, armalhom **bird table**.






U biex toħdilhom ritratti bil-moħbi, waħħal karta kbira ma' ħġieġa ta' tieqa, agħmel toqba fiha u ħu ritratti minnha.





Meta tieħu
ritratt ipprova
**ċċaqlaqx**
**il-kamera**.

Inkella
r-ritratt ukoll
jiġik imċaqlaq.






Biex ritratt ma jiġikx imċaqlaq

**1. Ieqaf biex tieħu ritratt.**








2. Żomm
il-kamera
b'idejk
it-tnejn.








3. Fejn tista', serraħ dirgħajk fuq xi ħaġa.










4. Ipprova tagħżilx ġurnata bir-riħ.









Issa tajjeb ġie r-ritratt hux!

Xi ġmiel ta' leblieba, ħej!






Ritratti ta' **veduti** huma sbieħ ukoll.

Ħa ngħidilkom żewġ affarijiet biex tieħdu ritratti ta' veduti aħjar.





Araw
dar-ritratt ta'
torri f'xatt
il-baħar. Huwa
sabiħ.

**Imma jista'
jkun isbaħ...**





Għax ir-ritratt
fih żewġ żbalji.






Għax ir-ritratt fih żewġ żbalji.



Hemm wisq sema vojt.

Il-bini qiegħed fin-nofs eżatt.



Għax ir-ritratt fih żewġ żbalji.



← 5/10

10/10 →





Ir-ritratt t'isfel fih inqas sema u t-torri qiegħed fil-ġenb. B'hekk ir-ritratt ġie isbaħ għax huwa **mqassam aħjar**.









Kultant fin-natura naraw **forom** u **kuluri** vera interessanti. Ħafna minnhom huma affarijiet komuni li naraw kuljum: sħab, weraq, ħamrija, zkuk.















Imma r-ritratt jagħmilhom **speċjali**.

Meta tkunu fil-ġnien, fil-kampanja, żommu għajnejkom miftuħun għal dan il-ġmiel.






Issa li sirtu esperti fil-fotografija, ħudu sehem fl-Attività **Picture It** ta' Dinja Waħda. B'hekk kulħadd igawdi r-ritratti tagħkom tan-natura.



Daqshekk għal-lum
ħbieb. Nispera li
ħadtu gost miegħi
u li tgħallimtu.
Jiena nixtiqilkom
ħafna ritratti
sbieħ.

Gawdu n-natura
kull fejn tmorru,
u tagħmlulha
ħsara qatt.

Ċaw ċaw.

BirdLife MALTA

© BirdLife Malta

www.birdlifemalta.org

Dinja Waħda

ritratti
Alex Casha
Desirée Falzon
Victor Falzon
Aron Tanti

tpinġija
Victor Falzon

kitba u produzzjoni
Desirée Falzon
Victor Falzon